Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10791 – DAIMLER TRUCK / NEXTERA / BFM / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 319/07)

1. Fis-16 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Daimler Truck AG ("Daimler Truck", il-Ġermanja),

— NextEra Energy Inc. ("NextEra", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— BlackRock Financial Management, Inc. ("BFM"), ikkontrollata minn BlackRock, Inc. ("BlackRock", it-tnejn li huma fl-Istati Uniti tal-Amerka),

— Impriża Konġunta (joint venture, JV) ("il-Kumpanija fil-Mira", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Daimler Truck, NextEra u BFM se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-Kumpanija fil-Mira kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Daimler Truck tiffoka fuq il-manifattura u l-bejgħ ta' trakkijiet u karozzi tal-linja,

— NextEra hija waħda mill-akbar kumpaniji tal-enerġija elettrika u tal-infrastruttura tal-enerġija fl-Amerka ta' Fuq u fuq quddiem fl-industrija tal-enerġija rinnovabbli,

— BFM toffri kostruzzjoni tal-portafoll, ġestjoni tal-assi u servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment. BFM tikkontrolla u timmaniġġa d-deċiżjonijiet ta' investiment ta' GRP III, fond li jopera globalment u jiffoka fuq investimenti globali fl-infrastruttura tal-klima, primarjament fl-enerġija rinnovabbli. BFM hija kkontrollata minn BlackRock, kumpanija attiva fil-forniment ta' ġestjoni tal-investiment globali, ġestjoni tar-riskju u servizzi ta' konsulenza lil klijenti istituzzjonali u mhux professjonali madwar id-dinja,

— Il-Kumpanija fil-Mira se tkun ibbażata fl-Istati Uniti tal-Amerka u għandha tiżviluppa, tibni, tiffinanzja, tippossjedi u tħaddem infrastruttura ta' punt/depot tal-iċċarġjar disponibbli pubblikament primarjament għal vetturi elettriċi tqal għal trasport fit-tul u trasport reġjonali u tinvolvi ruħha bħala fornitur ta' servizzi ta' mobilità elettronika fl-Istati Uniti tal-Amerka u l-Kanada fil-futur.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10791 – DAIMLER TRUCK / NEXTERA / BFM / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË